MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 553/2005

**Paul u Emanuel Abela u *Civil Engineering & Contractors Company Limited***

***Versus***

***Busietta Gardens Madliena Ltd***

Il-qorti:

Rat ir-rikors ta' *Town Investments Ltd* (li fiha ġiet amalgamata l-kumpannija *Busietta Gardens Madliena Limited)* biex il-qorti tħassar mandat ta' inibizzjoni u timponi penali fuq l-intimati li fuq talba tagħhom inħareġ il-mandat; rat it-tweġiba ta' l-intimati; rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir, u rat ukoll il-mandat ta' inibizzjoni nru 852/2004:

Rat illi fit-talba għall-ħruġ tal-mandat nru 852/2004 l-intimati kienu talbu illi r-rikorrenti tinżamm milli tbigħ tliet proprjetajiet biex hekk tkun imħarsa l-pretensjoni tagħhom

għal mitejn u sitta u għoxrin elf lira (Lm226,000). Il-qorti, wara li semgħet lill-partijiet, laqgħet it-talba dwar waħda biss mill-proprjetajiet, presumibbilment billi dehrilha illi dik il-proprjetà kienet biżżejjed biex tħares il-pretensjoni ta' l-intimati.

Wara dak id-dikriet fl-atti tal-mandat nru 852/2004, l-intimati reġgħu talbu l-ħruġ ta' mandat ieħor biex ir-rikorrenti tinżamm milli tbigħ ukoll iż-żewġ proprjetajiet l-oħra biex hekk tkun imħarsa l-pretensjoni tagħhom għal mitejn u tlieta u tletin elf lira (Lm233,000). It-talba ntlaqgħet *in camera* u l-mandat inħareġ.

Il-qorti hija tal-fehma illi, ladarba, wara is-smigħ tal-mandat 852/2004, kien dehrilha illi proprjetà waħda kienet biżżejjed biex tħares il-pretensjoni ta' l-intimati, ma għandhiex tibdel dik id-deċiżjoni, kemm għax ma ntweriex lilha li nbidlu xi ċirkostanzi relevanti dwar dik il-proprjetà u kif ukoll għax iż-żjieda fil-pretensjoni ta' l-intimati, minn mitejn u sitta u għoxrin elf lira (Lm226,000) għal mitejn u tlieta u tletin elf lira (Lm233,000), ma tagħmilx differenza sostanzjali.

Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, ma huwiex xieraq illi l-jedd tar-rikorrenti illi tiddisponi minn ħwejjiġha jkompli jiġi mxekkel aktar milli hu meħtieġ.

Għalhekk tilqa' t-talba u tħassar il-mandat numru 2310/2004. Dwar it-talba għall-penali u l-ispejjeż, tiddisponi wara illi tkun ingħatat is-sentenza fuq il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------